MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2026

Appell Inferjuri Numru 56/2025 LM

**Yujie Dimech (K.I. Nru. 0232821 L)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Bank of Valletta PLC (C 2833)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Yujie Dimech (K.I. Nru. 0232821L)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], minn digriet tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], mogħti fis-16 ta' Mejju, 2025, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'], li permezz tiegħu ddeċieda l-

ilment fil-konfront tal-intimat **Bank of Valletta PLC (C 2833)** [minn issa ’l quddiem ‘l-bank intimat’ jew ‘l-appellat’], billi ddikjara kif ġej:

*“For reasons above stated, the complaint will not be considered further.”*

**Fatti**

2. Jirriżulta li r-rikorrenti kellha kont personali mal-bank intimat, li ġie magħluq mill-istess bank wara xi żmien. Minħabba f’hekk, u wara korrispondenza mal-bank, jirriżulta wkoll li l-bank intimat kien eventwalment fetaħ kont bankarju ieħor favur ir-rikorrenti tat-tip ‘*basic payment account’,* fejn setgħu jiġu depożitati biss ċekkijiet maħruġa mid-Direttorat tas-Sigurtà Soċjali. Dan kien ifisser ukoll li ma setgħet issir l-ebda interazzjoni finanzjarja oħra fuq dan il-kont. Madanakollu hija trid li l-bank iħallieha tiftaħ kont b’inqas restrizzjonijiet.

**Mertu**

3. Permezz tal-ilment tar-rikorrenti, ġie spjegat li hija kienet applikat għal kont bankarju personali mal-bank intimat, li kien ġie oriġinarjament konċess lilha. Madanakollu, wara xi ftit ta’ żmien, dan il-kont kien ingħalaq mill-istess bank. Wara korrispondenza mal-bank, kien imbagħad infetaħ ‘*basic payment account’* sabiex fih tiġi depożitata xi għajnuna soċjali. Dan kien ifisser li r-rikorrenti ma kienitx tista’ tiddepożita flus li binha stess kien jgħaddilha bħala kera, u lanqas flejjes oħra, inklużi flus li kienu ġejjin mill-kummerċ tagħha. Qalet li kienet reġgħet ippruvat tiftaħ kont personali ieħor, iżda l-bank intimat kien irrifjuta dan. Qalet li l-istess seħħ meta talbet sabiex tiftaħ kont kummerċjali, u

għalhekk kienet qiegħda tiffaċċja problema għaliex ma kienx possibbli għaliha li tiddepożita l-flus tal-kummerċ tagħha, u li dan kien qiegħed iwassal għal problemi legali oħra. Qalet li dawn id-deċiżjonijiet tal-bank intimat kienu diskriminatorji. Qalet ukoll li l-Gvern kien implimenta liġi fejn il-pagi tal-ħaddiema kellhom kollha jiġu depożitati ġewwa kont bankarju, madanakollu fil-każ tagħha, hija ma kienitx qiegħda titħalla tiddepożita il-qliegħ tagħha stess fil-kont bankarju. Għalhekk talbet li hija titħalla tiftaħ kont personali fejn tkun tista' tiddepożita il-qliegħ mill-kummerċ tagħha, u kif ukoll flejjes oħra.

4. Il-bank intimat wieġeb li skont ir-*risk appetite* u d-*due diligence assessment* li kien sar fuq ir-rikorrenti, kien ikkunsidra li l-unika kont li r-rikorrenti kienet intitolata għalih kien il-*basic payment account,* li jipprovdi biss funzjonijiet bażiċi. Qal ukoll li kienet ir-rikorrenti stess li kienet talbet li dak il-kont kien meħtieġ għal depożiti ta' għajnuna soċjali, u qal li kieku huwa kien ġie infurmat li riedet tiddepożita wkoll il-paga tagħha, huwa ma kienx ikollu oġġezzjoni. Kompla jgħid li huwa ma kienx obbligat li jipprovdi kontijiet ta' tipi oħra, fosthom kummerċjali, u enfasizza li din ma kienitx deċiżjoni diskriminatorja, iżda kienet riżultat ta' proċeduri kriminali u ordni ta' iffriżar li kienu għaddejjin fil-konfront tal-istess rikorrenti. Eċepixxa wkoll li fl-ilment tagħha, ir-rikorrenti qatt ma speċifikat il-kummerċ tagħha x'inhu, u li l-bank ikun qiegħed imur kontra l-obbligi tiegħu jekk jaċċetta depożiti ta' flus kontanti minn kummerċ f'*basic payment account.* Filwaqt li ressaq diversi argumenti sabiex jissostanzjaw din il-pożizzjoni tiegħu, ikkonkluda li filwaqt li huwa kien mexa mal-obbligi tiegħu li jiftaħ l-imsemmi *basic payment account,* huwa ma kienx dispost li jippermetti li l-użu tal-istess kont jinbidel. Għalhekk qal li l-ilment tar-rikorrenti ma kellu l-ebda bażi fattwali u legali.

5. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ippreżentat ukoll dak li sejħet emendi għall-ilment oriġinali tagħha. Permezz ta' tali emendi, filwaqt li l-ilment baqa' fl-istess ambitu, żdiedu wkoll talbiet għal danni, u sabiex il-bank ineħħi informazzjoni konċernanti ir-rikorrenti mis-sistema bankarja tiegħu.

**Id-Digriet Appellat**

6. L-Arbitru, fid-digriet tiegħu tas-16 ta' Mejju, 2025, iddeċieda li ma kellux jikkunsidra aktar l-ilment rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Arbiter is hereby declaring that the revised complaint submitted through email dated 14 May 2025, is not being considered by virtue of Article 21(2)(b) of Chapter 555 of the Laws of Malta.*
>
> *As to the original complaint dated 19 December 2024, the Arbiter is declaring, as provided for in Article 22(2) of Chapter 555, that the resolution sought is outside his competence.*
>
> *As provided in Article 22(5) of Chapter 555, the Arbiter declares he has no competence to order any bank to offer any service outside its risk appetite beyond their obligation to offer a basic payment account in terms of EU Directive 2014/92/EU and Malta Subsidiary Legislation 371.18.*
>
> *The Arbiter is in full agreement with Bank's right not to accept as deposits into a Basic Payment Account of any business revenues especially those in cash form."*

**L-Appell**

7. L-appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-3 ta' Ġunju, 2025, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"jogħġobha takkolji dan l-istess appell u tvarja id-digriet hekk mogħtija fis-Seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Mejju, 2025, mill-istess Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (L-*

*Arbitru Alfred Mifsud) fil-Kawża fl-ismijiet premessi fis-sens li jogħġobha tirriforma d-digriet appellat w dana billi:*

(1) *THASSARHA U TIRREVOKAHA kompletament, u konsegwentement TIDDIKJARA li l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji kellu:*

  a. *Jiddikjara li dina l-istess Kawża odjerna hija fil-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji; kif ukoll*

  b. *L-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji għandu wkoll il-kompetenza li jordna lil kwalunkwe fornitur tas-servizzi finanzjarji, ossija, inkluż anke l-istess bank appellat Bank of Valletta plc sabiex toffri servizz basta li ma jkunux barra mill-appetitu* [sic!] *għar-riskju tagħhom u lil hinn minn obbligi tagħhom li joffru għal anqas kont ta' ħlas bażiku skont id-Direttiva tal-istess Unjoni Ewropeja 2014/92/EU u l-Liġi Sussidjarja Maltija 371.18; kif ukoll*

  c. *L-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji għandu wkoll il-kompetenza li jordna lil kwalunkwe fornitur tas-servizzi finanzjarji, ossija, inkluż anke l-istess bank appellat Bank of Valletta plc sabiex toffri servizz lill l-istess esponenta appellanta Yujie Dimech peress li għandha dritt fundamentali w bażiku li tippretendi li hija għandha jkollha aċċess għad-depożiti tagħha f'kont ta' pagamenti minn kull dħul tal-bejgħ leġittimu speċjalment dawk f'forma ta' flus kontanti;*

(2) *TIDDIKJARA w issib li l-istess Arbitru Alfred Mifsud kellu konflitt serjissimu ta' interess u għalhekk kellu mill-bidu nett jirrikuża ruħu speċjalment meta l-istess Arbitru Alfred Mifsud kien ben konxju mill-fatt li l-istess bank appellat kien ħadd ħlief il-Bank of Valletta plc bin-Numru tar-Reġistrazzjoni C 2833, u għalhekk, bħala l-ex direttur mhux eżekuttiv tal-istess bank appellat, l-istess Arbitru Alfred Mifsud kellu mill-bidu nett jirrikuża ruħu;*

(3) *TORDNA lill istess bank appellat sabiex joffri servizz lill istess esponenta appellanta, basta li ma jkunux barra mill-istess appetitu* [sic!] *għar-riskju tal-istess bank appellat u lil hinn minn obbligi tal-istess bank appellat li joffri lill-istess esponenta appellanta għal anqas kont ta' ħlas bażiku skont id-Direttiva tal-istess Unjoni Ewropeja 2014/92/EU u l-Liġi Sussidjarja Maltija 371.18 kif ukoll għandu jaċċetta li l-istess esponenta appellanta għandha dritt leġittimu li jkollha aċċess għad-depożiti f'kont ta' Pagamenti minn dħul tal-bejgħ leġittimu speċjalment dawk f'forma ta' flus kontanti;*

(4) *TIDDIKJARA w issib lill istess bank appellat huma responsabbli lejn l-istess esponenta appellanta għall-ħlas ta' danni kemm materjali kif ukoll danni mhux materjali minħabba li l-istess bank appellat naqas milli joffri servizz lill istess esponenta appellanta basta li ma jkunux barra mill-istess appetitu* [sic!] *għar-riskju ta' l-istess bank appellat u lil hinn minn obbligi tal-istess bank appellat li kellu joffri lill-istess esponenta appellanta għal anqas kont ta' ħlas bażiku skont id-Direttiva tal-istess Unjoni Ewropeja 2014/92/EU u skont il-Liġi Sussidjarja Maltija 371.18 kif ukoll l-istess bank appellat kellu l-obbligu ukoll li jaċċetta li l-istess esponenta Appellanta għandha dritt leġittimu li jkollha aċċess għad-depożiti tagħha f'kont ta' Pagamenti minn dħul tal-bejgħ leġittimu speċjalment dawk f'forma ta' flus kontanti;*

(5) *TILLIKWIDA d-danni mġarrbin mill-istess esponenta appellanta kif fuq premess, occorrendo tramite l-opera ta' perit nominandi;*

(6) *TIKKUNDANA lill istess Bank Appellat sabiex iħallas lill-istess esponenta appellanta d-danni kollha kif hekk likwidati;*

(7) *Alternattivament, u sussidjarjament TIRRIFORMA d-Digriet appellat fil-parti tad-digriet nflitt w dan billi minflok timponi digriet aktar ekwa w ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;".*

8. L-appellanta qalet li kienet ħasset ruħha aggravata bid-digriet tal-Arbitru, u li kien għalhekk li hija appellat. F'dan l-appell hija aċċennat partikolarment għall-oġġezzjoni tagħha għall-fatt li l-Arbitru ma rrikużax ruħu mill-każ, u dan minkejja li huwa kien ex-direttur mhux eżekuttiv tal-bank intimat. Appellat ukoll dwar il-fatt li l-bank appellat kien iddeċieda li hija ma setgħetx tuża l-faċilitajiet tiegħu minħabba *r-risk apetite* tal-istess bank.

9. Il-bank appellat wieġeb billi fl-ewwel lok qajjem kwistjonijiet ta' natura preliminari. Qal li l-appell huwa irritu, null u inammissibbli għaliex ma ngħatat l-ebda sentenza fuq l-ilment, iżda biss digriet fejn ġie ddikjarat li l-Arbitru ma kellux kompetenza. Qal ukoll li l-appell kien null għaliex l-appellanta, fl-ewwel tliet faċċati tal-appell tagħha, tiddikjara it-talbiet tagħha, iżda imbagħad tgħaddi

sabiex telenka serje ta' aggravji ġodda li ma jirrelatawx mal-kumplament. Imbagħad għadda wkoll sabiex ressaq diversi sottomissjonijiet, permezz ta' liema laqa' għall-aggravji appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti tqis li għandha tibda billi tikkunsidra l-kwistjonijiet preliminari u proċedurali imqajjma mill-bank appellat, li jistgħu iwasslu wkoll għan-nullità ta' dan l-appell. L-ewwel kwistjoni tittratta kif dan l-appell qiegħed isir minn digriet, u li għalhekk huwa inammissibbli hekk kif ma ngħatat l-ebda sentenza. Il-Qorti qieset li għalkemm saret trattazzjoni orali, il-partijiet ma ttrattaw bl-ebda mod din il-kwistjoni f'dawk is-sottomissjonijiet.

11. M'hemm l-ebda dubju li l-appell odjern huwa minn digriet mogħti mill-Arbitru, u dan kif jirriżulta kemm mid-diċitura tal-istess digriet, u kif ukoll mill-kontenut tiegħu. Jirriżulta wkoll li dan il-fatt huwa paċifiku bejn il-partijiet, għaliex it-tnejn li huma jagħmlu riferiment għall-istess dokument bħala 'digriet'. Jirriżulta wkoll li dan id-digriet ingħata fid-dawl ta' dak li jridu s-sub-artikoli 22 (2) u (5) tal-Kap. 555, billi l-Arbitru iddikjara li ma kellux kompetenza. Iddikjara wkoll li huwa kien jaqbel mal-bank li dan ma jaċċettax depożiti f'*basic payment account* ta' flus kontanti li jkunu ġejjin mill-kummerċ, u huwa għalhekk li ma ppronunzjax ruħu dwar it-talba oriġinali tal-appellanta permezz ta' liema hija talbet li l-bank jiġi ordnat jiftaħ kont personali ġdid f'isimha. Lanqas ma ippronunzja ruħu dwar it-talbiet addizzjonali li saru aktar tard bl-ilment addizzjonali. Dan qiegħed jingħad sabiex tiġi iċċarata wkoll in-natura tad-digriet innifsu.

12. Il-Qorti tgħaddi sabiex tirrileva li l-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali, li tipprovdi għall-jeddijiet u proċeduri speċifiċi. L-artikoli rilevanti jgħidu hekk:

> 22. [...]
>
> (2) Malli jitressaq l-ilment, l-Arbitru għandu jiddeċiedi jekk l-ilment jaqax fil-kompetenza tiegħu.
> […]
> (5) Kemm jista' jkun malajr, wara li l-Arbitru jkun iddeċieda li l-ilment ma jaqax fil-kompetenza tiegħu, jew wara li jiddeċiedi li ma jkomplix bl-ilment, l-Arbitru għandu:
>
> (a) javża lill-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment bil-miktub bid-deċiżjoni u r-raġunijiet tiegħu;
> (b) jipprovdi lill-Bord kopja tad-deċiżjoni.
> […]

Mill-banda l-oħra, is-sub-artikolu 27(1) tal-Kap 555, li jirregola u jagħti permess speċifiku sabiex jiġu appellati d-deċiżjonijiet tal-Arbitru, jgħid hekk;

> 27.(1) Id-deċiżjoni milħuqa mill-Arbitru inkluż kull deċiżjoni interlokutorja, tista' tkun soġġetta għal appell minn kull waħda mill-partijiet.

Il-Qorti tirrileva wkoll li kronoloġikament, dan l-artikolu 27 tal-Kap. 555 huwa sussegwenti għall-artikolu 26, li jittratta it-teħid ta' deċiżjoni, ossija wara t-tmiem tal-investigazzjoni. Tali deċiżjoni hija ċertament distinta mid-deċiżjoni kontemplata fil-fażi inizjali dwar il-kwistjoni ta' kompetenza.

13. B'hekk, il-Qorti tislet is-segwenti osservazzjonijiet. L-appell odjern qiegħed isir min digriet, li permezz tiegħu il-proċeduri ġew fi tmiemhom. Għalhekk dan ċertament mhuwiex xi digriet jew deċiżjoni interlokutorja. Is-sub-

artikoli 22(2) u (5) tal-Kap. 555 jagħmlu riferiment għal deċiżjoni tal-Arbitru dwar il-kompetenza. Ma jispeċifikawx b'liema mod għandha tiġi ppronunzjata dik id-deċiżjoni, iżda jesiġu li dik id-deċiżjoni tkun bil-miktub u li tkun tinkludi ir-raġunijiet għaliha. Kif diġà nstab, din mhijiex id-deċiżjoni ikkontemplata fl-artikolu 26 tal-istess Att. Is-sub-artikolu 27(1) jgħid li l-appelli jistgħu isiru mid-deċiżjoni tal-Arbitru, inkluż minn kull deċiżjoni interlokutorja, iżda ma jispeċifikax jekk jistgħux isiru appelli minn digriet li jkun ingħata skont l-artikolu 22 tal-Kap. 555. Filwaqt li l-artikolu 22 jagħmel riferiment għall-kelma 'deċiżjoni', ma jxejjen xejn mill-fatt li fil-każ odjern dik id-deċiżjoni ġiet ippronunzjata permezz ta' digriet, u legalment u proċeduralment, dan l-istrument mhuwiex bħal deċiżjoni kwalunkwe. Dan jingħad ukoll fil-kuntest fejn l-artikolu 27 qiegħed jikkumplimenta l-artikolu 26 tal-Kap. 555.

14. Il-Qorti rat ukoll li l-possibbiltà ta' appell minn digriet, ma hija ikkunsidrata bl-ebda mod fil-Kap. 555. Rat ukoll it-traskrizzjonijiet tad-dibattiti parlamentari, u jirriżulta li tali kwistjoni proċedurali lanqas ma kienet ikkontemplata f'dak l-istadju. B'hekk, ladarba il-liġi speċjali ma tipprovdix soluzzjoni, din il-Qorti jkollha tħares lejn dak li trid il-liġi ġenerali, ossija l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta mill-ġurisprudenza li fil-kamp ċivili hawn tliet tipi differenti ta' digrieti, ossija dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji.[1]

15. Diġà ġie stabbilit aktar qabel, li d-digriet hawnhekk appellat mhuwiex interlokutorju, u dan hekk kif dawn it-tipi ta' digrieti huma dawk id-digrieti li jirriżolvu kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża, waqt li dik il-kawża tkun

[1] Darryl Francis Grima proprio et nomine *vs.* L Onorevoli Prim Ministru et nomine, Qorti Kostituzzjonali, 21.06.1988.

għadha għaddejja. B'hekk, peress li d-digriet odjern ġab il-proċeduri fi tmiemhom, ma jistax jitqies li huwa digriet interlokutorju. Imbagħad hemm id-digrieti definittivi, liema huma dawk id-digrieti li jtemmu il-kontroversja bejn il-partijiet[2], ossija billi jagħtu deċiżjoni fil-mertu. Id-digriet odjern ma jirriżultax li qiegħed jagħmel dan, billi l-Arbitru qies li ma kienx ser ikompli jikkunsidra l-ilment għaliex ma kellux il-kompetenza sabiex jiddetermina l-mertu. B'hekk il-mertu tal-kwistjoni ma ġiex deċiż, għaliex kif ingħad aktar qabel, l-Arbitru ma ppronunzjax ruħu dwar it-talbiet tal-appellanta. B'hekk il-kwistjoni għadha tista' tiġi sollevata quddiem il-forum addattat skont il-każ. Hawnhekk il-Qorti tirrileva wkoll li l-liġi speċjali ma tagħtix il-jedd lill-Arbitru li jirreferi dawn l-istess proċeduri quddiem xi forum ieħor.

16. Dan kollu jfisser għalhekk li d-digriet odjern jaqa' fil-klassifika ta' dawk id-digrieti li la huwa interlokutorju u lanqas definittiv. Dawn it-tipi ta' digrieti mhumiex appellabbli, għaliex il-liġi ma tipprovdix għal tali appelli. Għalhekk jirriżulta li d-digriet in kwistjoni ma setax jiġi appellat, u li konsegwentement id-digriet tal-Arbitru li sab li ma kellux il-kompetenza neċessarja, huwa fil-fatt finali fih innifsu. Dan ifisser ukoll li l-bank appellat għandu raġun isostni li dan l-appell huwa null u inammissibbli.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

---

[2] **Josef Gatt** *vs.* **Marisa Gatt**, Qorti tal-Appell, 8.05.2003

**L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**